

**Brussell, 2 ta' Frar 2026
(OR. en)**

5928/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0412 (NLE)**

**ENV 84
CLIMA 42
SOC 46
ENER 41
ECOFIN 142
COMPET 136
RECH 36
EDUC 25
CULT 12**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Diċembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 1026 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Il-Bauhaus Ewropea I-Ġdida: mill-viżjoni għall-implimentazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 1026 final.

Mehmuż: COM(2025) 1026 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 16.12.2025
COM(2025) 1026 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida: mill-viżjoni għall-implimentazzjoni


1. INTRODUZZJONI

Iċ-ċittadini u n-negozji Ewropej qed jiffaċċjaw sfidi fuq skala u kumplessità bla preċedent: mit-taqlib ġeopolitiku u t-theddid għas-sigurtà fil-kontinent tagħna stess sal-kriżi planetarja tripla kif ukoll il-bidliet teknoloġiċi u t-theddid għad-demokrazija u l-valuri tagħna. F'dawn iż-żminijiet ta' inċertezza, huwa naturali li ċ-ċittadini jħossuhom imħassbin u għalhekk huwa kruċjali li **jigħu pprovduti prevedibbiltà u prospettiva, titrawwem l-innovazzjoni u jinħolqu postijiet li jappoġġaw sens ta' appartenenza, kwalità tal-ħajja u sens ta' sigurtà.**

Il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (NEB, New European Bauhaus) hekk qed tagħmel. Immedija fl-2020 mill-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen, din **tawtonomizza lin-nies, lill-komunitajiet u lin-negozji biex flimkien isibu soluzzjonijiet innovattivi għal futur pożittiv**, li jgħaqqad l-inklużjoni, is-sostenibbiltà u l-kwalità tal-ħajja.



Valuri tal-NEB



Prinċipji tal-NEB

L-NEB għandha l-għan li toħloq bidla tanġibbli fil-prattika għan-nies u għan-negozji, billi taġixxi permezz ta' approċċ innovattiv, trasformattiv u minn isfel għal fuq. F'5 snin, din saret **moviment, b'aktar minn 700 proġett madwar l-Ewropa u lil hinn minnha, komunità vibranti** ta' kważi 2 000 organizzazzjoni, li jilhqqu miljuni ta' persuni, u network ta' awtoritajiet nazzjonali li jaġixxi bħala pont mal-livell lokali. Id-diversi proġetti li ġew irriċerkati, ippilotati u murija mill-2021 sal-2025, mid-dimostraturi tad-distretti tal-akkomodazzjoni affordabbli sal-aċċelleraturi għad-diġitalizzazzjoni tal-kostruzzjoni, kif ukoll il-parteċipazzjoni ggwidata mill-arti fil-komunitajiet lokali, juru li huwa possibbli li jkun hemm ambjent mibni inklużiv, sostenibbli u ta' kwalità u li dan għandu l-potenzjal li jilqa' aktar ċittadini u li jsaħħaħ ir-reżiljenza u l-kompetittività.

Abbażi tal-esperjenza u t-tagħlimiet mis-snin li għaddew, wasal **iż-żmien li l-NEB tiġi estiża u li tgħaddi għal-livell li jmiss bħala faċilitatur b'saħħtu għat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa** u l-innovazzjoni fl-Ewropa u lil hinn minnha. Din il-Komunikazzjoni tiddekrivi l-oġġettivi ta' politika tal-NEB għas-snin li ġejjin u tipprovdi qafas għal azzjonijiet tanġibbli biex jissaħħu l-innovazzjoni, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà. Biex iżżid l-impatt tagħha, din il-Komunikazzjoni hija akkumpanjata minn proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill¹ lill-Istati Membri, b'rispett sħiħ tas-sussidjarjetà.

Il-prijorità tal-NEB tibqa' l-ambjent mibni. Dan huwa parti essenzjali tal-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini, għandu potenzjal enormi li jtejjeb il-kwalità tal-ħajja, inaqas l-emissjonijiet, jappoġġa l-affordabbiltà u fl-istess ħin iżid il-kompetittività tal-industriji tagħna. **Il-viċinati**

¹ COM(2025) 1027

jeħtieġu azzjoni politika, finanzjament u appoġġ tekniku għar-riġenerazzjoni. Hija meħtieġa aktar azzjoni biex jiġu żviluppati l-ħiliet u jiżdiedu soluzzjonijiet affordabbli li jistgħu jżidu l-użu effiċjenti tal-ispazju mibni fiż-żoni urbani u rurali, biex jiġu adottati soluzzjonijiet b'bażi bijoloġika u materjali u tekniki innovattivi, u biex **tissaħħaħ ir-reżiljenza u jinħolqu swieq pilota** għall-industriji kompetittivi innovattivi tal-Ewropa. Fis-snin li ġejjin, l-NEB se tespandi għal setturi oħra, jiġifieri t-tessuti u l-moda.

Il-potenzjal għall-**kokreazzjoni u għal approċċi multidixxiplinari, inkluż permezz ta' għodod diġitali**, jeħtieġ li jintuża aħjar, u hemm bżonn aktar opportunitajiet u kapaċitajiet biex jitlaqqgħu flimkien ir-riċerkaturi, l-artisti, l-awtoritajiet, iċ-ċittadini u n-negozji għall-kokreazzjoni u l-implimentazzjoni tal-viżjonijiet fil-prattika.

Wara 5 snin mit-tnedija tal-inizjattiva, **il-Kummissjoni u s-sħab tagħha se jsaħħu l-NEB u jkabbru l-Komunità tagħha** u se jxerrdu u jżidu kunċetti kreattivi u innovazzjonijiet, bl-għan li jitrawwem l-argument għall-vijabbiltà tal-proġetti ewlenin. L-NEB se **tappoġġa ulterjorment lill-Istati Membri biex jużaw approċċi ispirati mill-NEB** fil-politiki nazzjonali dwar l-akkomodazzjoni, fil-pjanijiet ta' rinnovazzjoni tal-bini u fid-deċiżjonijiet dwar il-ġestjoni tat-territorju, f'sinerġija mal-Aġenda tal-UE għall-Ibriet² u l-għodod territorjali tal-politika ta' koeżjoni, kif ukoll mal-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli³ u l-Istrateġija għall-Kostruzzjoni tad-Djar⁴ li huma ppreżentati ma' din il-Komunikazzjoni.

2. L-NEB BĦALA FAĊILITATUR GĦALL-INNOVAZZJONI U GĦAT-TRANŻIZZJONI LEJN ENERĠIJA NADIFA

Sabiex tisfrutta l-kisbiet tagħha, l-NEB se tespandi l-**appoġġ għan-negozji, għall-innovaturi u għall-komunitajiet** madwar l-Ewropa u lil hinn minnha għal **trasformazzjoni inklużiva, sostenibbli u xprunata mill-kwalità tal-viċinati u tal-industriji**. Se tipprijorizza soluzzjonijiet affordabbli, f'konformità mal-Pjan għal Akkomodazzjoni Affordabbli, u se toffri spazji ta' kokreazzjoni u għodod ibbażati fuq l-evidenza fejn il-professjonisti, ir-riċerkaturi, l-utenti, il-komunitajiet u n-negozji jiltaqgħu u jaħdmu flimkien biex jgħolqu soluzzjonijiet innovattivi tal-ogħla valur. Se tiżviluppa l-Akkademja tal-NEB bħala struttura ewlenija tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida biex ittejjeb it-**taħriġ, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-atturi differenti fl-ekosistema tal-kostruzzjoni**, tipprovdi **ambjenti ta' esperimentazzjoni għal soluzzjonijiet innovattivi** u tappoġġa lil start-ups li joffru soluzzjonijiet li jħaddnu l-valuri tal-NEB. Il-Faċilità tal-NEB se tappoġġa riċerka eċċellenti, kif ukoll l-espansjoni tal-innovazzjonijiet u d-dimostraturi. F'sinerġija mal-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijoeconomija⁵, l-NEB se tgħin ukoll biex tħaffef l-adozzjoni ta' materjali u metodi ta' kostruzzjoni ċirkolari u b'bażi bijoloġika, biex jinħolqu swieq pilota ġodda u tissaħħaħ il-kompetittività tal-Ewropa.

Prattiki tajbin tal-NEB dwar soluzzjonijiet ċirkolari u b'bażi bijoloġika

- ❖ **TOVA (ES):** toħloq kostruzzjonijiet arkitettoniċi magħmula minn terrapien ikkompresat mibnija b'Crane WASP 3D printer li jistgħu jitlestew fi flit ġimgħat biss, li ma jiġġeneraw l-ebda skart u li jiġġeneraw emissjonijiet tal-karbonju kważi zero [Premju tal-NEB 2023].

² EUR-Lex - 52025DC0739 - MT - EUR-Lex

³ COM(2025) 1025

⁴ COM(2025) 991

⁵ COM(2025) 960 final

- ❖ **NEBourhoods:** tagħti ħajja ġdida lil distrett tas-snin 70 fi Munich billi toħloq spazji b'użu mħallat, rabtiet komunitarji aktar b'saħħithom u soluzzjonijiet tal-enerġija bħal moduli solari/dell [Orizzont Ewropa].
- ❖ **Panelka 2.0 (TEPLO):** tappoġġa l-irkupru tal-Ukrajna permezz ta' rinnovazzjoni ċirkolari b'materjali riċiklati u b'bażi bijoloġika, soluzzjonijiet effiċjenti fl-użu tal-enerġija u awtonomizzazzjoni tal-komunità [LIFE].



TOVA ©GregoriCivera - © NEBbourhoods - © TEPL0

2.1 Tisħiħ taċ-ċirkolarità, is-sostenibbiltà u l-innovazzjoni fl-ambjent mibni

2.1.1 Trawwim ta' soluzzjonijiet innovattivi u sostenibbli

Biex jappoġġaw it-tranżizzjoni tal-ekosistema tal-kostruzzjoni lejn soluzzjonijiet b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, ċirkolari u b'bażi bijoloġika, matul l-aħħar snin il-proġetti tal-NEB esperimentaw b'**soluzzjonijiet ġodda għas-setturi tal-kostruzzjoni**, bħall-kostruzzjoni modulari, id-disinn effiċjenti fl-użu tal-enerġija u tal-ilma, kif ukoll materjali b'bażi bijoloġika, riċiklati u innovattivi. Dawn irriċerkaw u ttestjaw tekniki ta' kostruzzjoni sostenibbli, bħall-kostruzzjoni awtomatizzata u robotika, l-istampar 3D, il-ħżin tal-karbonju bijoġeniku fil-bini, l-applikazzjonijiet tal-IA għad-disinn kif ukoll il-kostruzzjoni mhux fuq il-post u modulari, li spiss issir mill-SMEs.

Sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza ekonomika u jiġi implimentat il-Patt għal Industrija Nadifa trasformattiv, l-NEB se **ttejjeb l-opportunitajiet ipprovduti mill-ekonomija ċirkolari u mill-bijoeconomija**, se tagħti spinta lis-swieq għall-materjali u l-metodi tal-kostruzzjoni innovattivi, filwaqt li taħsad soluzzjonijiet sostenibbli u affordabbli tal-enerġija, tal-ilma u tal-mobbiltà kif ukoll teknoloġiji diġitali, data u IA affidabbli. L-NEB se tippromwovi **r-riċerka, l-espansjoni u l-integrazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi effiċjenti fl-użu tar-riżorsi**, se tappoġġa lin-negozji fil-prototipar ta' approċċi kosteffiċjenti ġodda li jistgħu jiġu applikati fuq skala akbar, u se tappoġġa standards ġodda u mifruxa għad-disinn dekarbonizzat, ċirkolari u pożittiv għan-natura. Se tappoġġa wkoll lill-**komunitajiet biex iservu bħala ċentri ta' innovazzjonijiet** u soluzzjonijiet minn isfel għal fuq għat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, imfassla għall-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet lokali. Billi tagħti prijorità lill-innovazzjoni, lill-ħiliet u lill-kompetittività industrijali, l-NEB se tgħin biex tiżgura li l-Ewropa tkun mexxejja globali fis-soluzzjonijiet ta' kwalità għolja, sostenibbli u affordabbli.

Il-finanzjament pubbliku waħdu mhux se jkun biżżejjed biex isseħħ it-trasformazzjoni. Il-proġetti tal-NEB juru li s-soluzzjonijiet integrati huma investimenti sikuri, peress li jżviluppaw l-aċċettazzjoni miċ-ċittadini u l-involvement tal-utenti finali, u dan jirriżulta f'ambjenti attraenti u ekonomiji lokali vibranti. Strumenti bħall-InvestEU jistgħu jgħinu jimmobilizzaw investiment privat addizzjonali. Il-Kummissjoni Ewropea, fi sħubija mal-Bank

Ewropew tal-Investment (BEI), żviluppat il-**Linji Gwida tal-NEB għall-Investment** ⁶ biex tipprovdi lill-investituri u lill-iżviluppaturi Prattiki tajbin u garanziji ta' kwalità biex tingħata spinta lill-investimenti ta' impatt li jitransformaw il-binjiet, l-ispazji pubbliċi u l-viċinati skont il-valuri tal-NEB. Hekk kif tibni fuq dawn il-linji gwida, il-Kummissjoni — permezz tal-Akkademja tal-NEB — se żżid l-azzjoni u tiffaċilita **t-tlaqqigħ bejn kunċetti tal-NEB u sorsi ta' finanzjament**, inklużi mudelli ta' finanzjament innovattivi.

Billi jgħaqqdu l-innovazzjoni, il-ħolqien tan-negozju u t-taħriġ, l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT, European Institute of Technology) u l-Komunitajiet ta' Konnoxxenza u Innovazzjoni (KKI) tiegħu qegħdin f'pożizzjoni tajba biex jappoġġaw in-natura trasformattiva u transdixxiplinari tal-NEB. B'mod partikolari, għandhom l-għan li **jappoġġaw lill-imprendituri u lill-SMEs** fis-setturi rilevanti għall-NEB — bħall-kostruzzjoni, id-disinn, il-moda, is-snaġġa, il-qasam agroalimentari, il-manifattura, l-enerġija u l-mobbiltà — biex l-ideat tagħhom jaslu fis-suq.

Il-Kummissjoni se:

- **Tiżviluppa Tikketta tal-NEB biex tippremja l-proġetti u l-prattiki tal-NEB** u żżid il-viżibbiltà tagħhom mal-promoturi u l-investituri potenzjali.
- **Tiffinanzja l-iżvilupp ta' dimostraturi tal-NEB għal soluzzjonijiet innovattivi** bħal, pereżempju, dwar l-użu tal-ispazju vertikali, l-adattament fuq skala kbira ta' komponenti tal-kostruzzjoni modulari mhux fuq il-post, l-infrastrutturi soċjali fil-viċinati, il-viċinati interġenerazzjonali jew l-indirizzar tal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar.
- Thegħgeġ lill-Istati Membri biex jiżviluppaw, permezz tal-Politika ta' Koeżjoni, **Fanal tal-NEB f'kull Stat Membru**.
- **Tappoġġa lill-imprendituri u lill-SMEs** fis-setturi rilevanti għall-NEB, b'mod partikolari **permezz tal-EIT**, billi tgħinjom jaċċessaw il-finanzjament biex jikkummerċjalizzaw u jespandu soluzzjonijiet ġodda.
- Permezz tal-komponent tal-varar tal-Faċilità tal-NEB, **tappoġġa lis-setturi rilevanti għall-NEB** — il-kostruzzjoni, id-disinn, il-moda, l-artiġjanat, il-qasam agroalimentari, il-manifattura, l-enerġija, il-mobbiltà — biex timplimenta u tespandi metodi, proċessi u Prattiki innovattivi tal-NEB li jikkombinaw is-sostenibbiltà, l-inklużjoni u l-kwalità.
- **Tmexxi bl-eżempju** billi tapplika l-approċċ tal-NEB fil-kostruzzjoni jew fir-rinnovazzjoni tal-binjiet tal-Kummissjoni, ispirata mill-eżempju tal-**bini futur taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC, Joint Research Centre) f'Sivilja** li huwa **pożittiv nett fl-użu tal-enerġija** u l-**Forum taċ-Ċittadini tal-JRC f'Geel**, u billi tippromwovih f'istituzzjonijiet tal-UE, nazzjonali u lokali oħra.

⁶ Linji Gwida tal-NEB għall-Investment - Il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida - l-Unjoni Ewropea



Il-bini futur tal-JRC f'Sivilja, mibni skont il-valuri u l-prinċipji tal-NEB - © Playtime

2.1.2 Trasformazzjoni tal-*viċinati inklużiva, sostenibbli u xprunata mill-kwalità*

Il-komunitajiet u l-*viċinati* lokali huma esposti dejjem aktar għat-**tibdil fil-klima, għat-telf tal-bijodiversità, għall-iskarsezza tal-ilma u għar-riskji kkawżati mill-bniedem**, bħan-nixfiet, in-nirien fis-selvaġġ, l-għargħar u l-iskarsezza tal-ilma, u jibqgħu esposti għat-tniġġis, inkluż mit-tisħin maħmuġ⁷, li jimminaw is-sigurtà ekonomika, japprofondixxu l-inugwaljanzi soċjali u tas-saħħa⁸ u jipperikolaw l-*istil ta' ħajja* Ewropew. Hemm hteġa urġenti li jiġu implimentati fil-prattika l-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Patt għal Industrija Nadifa permezz ta' tranżizzjoni ġusta. Dan ifisser li jiġu pprovduti soluzzjonijiet affordabbli liċ-*ċittadini kollha* u li tingħata spinta lir-reżiljenza u t-tħejjija għall-kriżijiet tal-*viċinati*, filwaqt li jiġu rrispettati d-diversità kulturali u l-wirt lokali tal-Ewropa.

L-NEB se **trawwem trasformazzjonijiet ibbażati fuq il-post li jsaħħu l-preparatezza tan-nies u tal-komunitajiet** għal riskji relatati mal-klima u għad-diżastri naturali, b'mod konformi mal-Istrateġija tal-UE għal Unjoni tal-Preparatezza⁹, u l-eliminazzjoni gradwali tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili permezz ta' mobilità sostenibbli u effiċjenti kif ukoll produzzjoni u konsum tal-enerġija sostenibbli u effiċjenti fl-istokk tad-djar tagħna. Il-Kummissjoni diġà tappoġġa l-awtonomizzazzjoni taċ-*ċittadini* għal proġetti ta' rinnovazzjoni u ta' adattament għat-tibdil fil-klima, eż. permezz tal-Missjonijiet tal-UE dwar l-Ibriet Newtrali għall-Klima u Intelliġenti u dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, u l-inizjattiva ta' rinnovazzjoni mmexxija miċ-*ċittadini*¹⁰. L-esperimentazzjoni tal-NEB u s-soluzzjonijiet ddisinjati b'mod konġunt jistgħu juru l-effettività tal-**ġestjoni tat-territorju li tintegra soluzzjonijiet b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, effiċjenti fl-użu tal-ilma, reżiljenti għall-ilma u bbażati fuq in-natura** kif ukoll tal-innovazzjoni soċjali, biex jagħmlu l-komunitajiet aktar sikuri, aktar f'saħħithom u aktar reżiljenti.

Ir-rinnovazzjoni jew ir-rikondizzjonar tal-bini¹¹, b'mod partikolari meta jkunu kkombinati ma' prattiki soċjali bħall-użu mħallat, it-tpartit ta' appartamenti jew l-għajxien interġenerazzjonali, **jistgħu jgħinu biex ikun hemm akkomodazzjoni affordabbli u sostenibbli għal kulħadd**, b'hekk jonqos ir-ritmu tat-tifrix urban u l-issiġillar tal-ħamrija, titrawwem il-koeżjoni u l-aċċettazzjoni soċjali filwaqt li l-wirt kulturali tagħna jiġi protett. L-NEB se tisfrutta l-potenzjal ta' ambjent mibni vojt u b'okkupazzjoni baxxa, **filwaqt li tipprijoritizza l-użu aħjar tal-**

⁷ Ara EEA 2025: EU Heating and Cooling Systems Drive Air Pollution, Urgent Action Needed.

⁸ Ara l-Atlas Ewropew tal-Ambjent u tas-Saħħa.

⁹ Ara l-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza JOIN(2025) 130 final.

¹⁰ Paġna Ewlenija - Citizen-led renovation - Il-Kummissjoni Ewropea

¹¹ "Rikondizzjonar" tinkludi bidliet fil-pjan tal-ispazju jew ta' funzjoni għal użu ġdid, li tipikament ma jkunux koperti mir-rinnovazzjoni, f'konformità mal-istandards stabbiliti mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN, Comité européen de normalisation).

binjiet eżistenti fuq id-demolizzjoni u l-kostruzzjonijiet ġodda u tikkontribwixxi għall-**proġett pilota tal-Ghodka għall-Koordinazzjoni tal-Kompetittività (CCT, Competitiveness Coordination Tool)** dwar il-kostruzzjoni industrijalizzata. L-akkwist, appoġġat minn kriterji trasparenti, jista' jkun ukoll katalizzatur importanti għall-adozzjoni ta' prattiki u prodotti sostenibbli għall-viċinati.

Il-Kummissjoni se:

- Tappoġġa lill-komunitajiet fl-isforzi tagħhom biex isaħħu r-**reżiljenza għad-diżastri naturali, inklużi l-prevenzjoni tal-kriżijiet u l-preparatezza għalihom, u fl-irkupru u l-bini mill-ġdid** wara diżastru billi tiffinanzja inizjattivi integrati minn isfel għal fuq bħal soluzzjonijiet innovattivi bbażati fuq in-natura, effiċjenti fl-użu tal-ilma u xprunati mill-kultura.
- Tiżgura l-bini tal-kapaċità, l-iżvilupp ta' għodod u l-kondiviżjoni ta' prattiki tajbin dwar l-**adattament tal-bini** għal diżastri naturali inkluż l-**għargħar**¹², il-**mitigazzjoni tar-riskju ta' nirien fis-selvaġġ**¹³, **ir-restawr tal-ekosistemi urbani**¹⁴, kif ukoll dwar valutazzjoni komprensiva tar-riskju u tat-theddid.
- Tippromwovi **analitika bbażata fuq l-IA, biex tippermetti t-teħid ta' deċiżjonijiet xprunat mid-data** ħalli jiġu antiċipati l-isfidi u jiġi kożviluppat ippjanar aktar intelliġenti tal-ġestjoni tat-territorju¹⁵, biex jiġu implimentati t-Tewmin Diġitali Lokali għar-rikostruzzjoni u biex l-awtoritajiet jiġu pprovduti b'għodod ibbażati fuq l-IA biex jimmaniġġjaw il-proġetti tal-kostruzzjoni b'mod trasparenti¹⁶.
- Tappoġġa s-**sostenibbiltà u l-effiċjenza tal-ambjent mibni** billi tipprowdi metodoloġija komuni¹⁷ u evidenza dwar id-dekarbonizzazzjoni tal-bini u gwida dwar il-prijoritizzazzjoni tal-użu effiċjenti tal-ambjent mibni¹⁸.
- **Trawwem proċeduri ta' akkwist li jippermettu soluzzjonijiet sostenibbli, inklużivi u ggwidati mill-kwalità**, b'mod partikolari permezz tal-Programm tal-Akkwist ta' Innovazzjoni tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC), u tfittex li tippromwovi l-akkwist ta' soluzzjonijiet sostenibbli permezz tar-**reviżjoni li ġejja tad-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku**.
- Il-finanzjament permezz tal-komponent tar-R&I tar-**riċerka u l-innovazzjoni tal-Faċilità tal-NEB** biex il-viċinati jiġu **rivitalizzati** permezz tad-disinn għas-sostenibbiltà u għall-inklużjoni.

2.2 L-awtonomizzazzjoni taċ-ċittadini permezz ta' proċessi parteċipattivi biex jinbnew viċinati demokratiċi, inklużivi u reżiljenti

Il-parteċipazzjoni hija prinċipju ewlieni tal-NEB. Kif definita fil-Boxxla tal-NEB¹⁹, il-parteċipazzjoni tirreferi għall-grad sa fejn il-komunitajiet affettwati minn proġett ikunu involuti fid-disinn, fit-teħid tad-deċiżjonijiet, fl-implimentazzjoni u fil-validazzjoni tiegħu. Ir-

¹² Ara *EU-level technical guidance on adapting buildings to climate change*.

¹³ Il-Kummissjoni se tippreżenta Strateġija Ewropea dwar il-prevenzjoni ta' Nirien fis-Selvaġġ fil-bidu tal-2026.

¹⁴ Ara l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2024/1991 dwar ir-restawr tan-natura.

¹⁵ <https://interoperable-europe.ec.europa.eu/collection/ldttoolbox>

¹⁶ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/news/digital-twin-reconstruction-ukraine>

¹⁷ Ara l-qafas tal-Unjoni għall-kalkolu nazzjonali tal-potenzjal taċ-ċiklu tal-ħajja tat-tisħin globali: Regolament delegat tal-Kummissjoni li jemenda l-Anness III tad-Direttiva (UE) 2024/1275, C(2025) 8723 - PE/2025/8966.

¹⁸ Abbażi tal-istudji tal-Kummissjoni: *Conversion of offices into affordable housing, Sufficiency in the building sector* u fuq użu aktar effiċjenti tal-istokk ta' djar (riżultati f'nofs l-2027).

¹⁹ Uża l-boxxla - Il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida - L-Unjoni Ewropea.

reżiljenza tal-viċinati tal-Ewropa fl-aħħar mill-aħħar tiddependi fuq il-kapaċità tagħhom li jinvolvu lill-komunitajiet tagħhom u li jaqdu liċ-ċittadini kollha. L-approċċi transdixxiplinari u l-metodoloġiji tad-disinn ibbażati fuq l-evidenza li jikkombinaw l-għarfien espert minn firxa ta' partijiet ikkonċernati u dixxiplini mhux biss huma aktar rappreżentattivi u koerenti mal-ħtiġijiet taċ-ċittadini, iżda **jibnu wkoll il-fiduċja, iċ-ċertezza legali għall-iżviluppaturi tal-proġetti, iżidu l-aċċettabilità u jsaħħu n-nisġa soċjali**. L-ispazji pubbliċi inklużivi għandhom ukoll rwol kruċjali x'jaqdu fl-iffaċilitar tal-konnessjonijiet soċjali, fil-promozzjoni tal-ugwaljanza b'mod ġenerali, fl-ekwità bejn il-ġeneri u interġenerazzjonali, fil-ħolqien ta' sens ta' appartenenza u fl-aħħar mill-aħħar fit-trawwim ta' demokrazija fil-livell taċ-ċittadini²⁰.

Prattiki tajbin tal-NEB biex tissaħħaħ id-demokrazija lokali u biex jingħaqdu l-komunitajiet

- ❖ **NEB-STAR:** toħloq mudelli ta' governanza u ta' finanzjament għall-użu mill-ġdid tal-bini, għall-prevenzjoni tal-ġentrifikazzjoni u għad-demokratizzazzjoni tal-iżvilupp urban [Orizzont Ewropa].
- ❖ **SOFTAcademy:** tirrenova l-binijiet tal-appartamenti prefabbrikati tal-era Sovjetika f'Tallinn b'approċċ olistiku u fil-livell tal-viċinati [FEŻR]
- ❖ **Activating Spaces with neuroDiverse Publics:** tgħin lill-awtoritajiet pubbliċi f'Barċellona jtejbju l-ispazji tal-logħob u ż-żoni pubbliċi għat-tfal bl-awtiżmu [Komunità tal-EIT għall-NEB].



© NEB STAR – SOFTAcademy © SvenZacek – ©ASDpublics

Il-Kummissjoni beħsiebha **tisfrutta l-potenzjal trasformativ tal-NEB biex tappoġġa d-demokrazija lokali**, tiġġieled il-polarizzazzjoni li qed tiżdied fis-soċjetajiet tagħna u tawtonomizza lill-komunitajiet kif ukoll lis-sħubijiet pubbliċi-privati lokali. L-NEB għandha l-għan li żżid il-kapaċitajiet tal-awtoritajiet pubbliċi u tal-partijiet ikkonċernati li **jintegraw prattiki parteċipattivi u transdixxiplinari ġenwini fil-proċessi tat-tfassil u tat-teħid tad-deċiżjonijiet** ta' proġetti ta' żvilupp lokali, u b'hekk tippermetti liċ-ċittadini joħlqu flimkien il-viċinati futuri tagħhom adattati għall-ħtiġijiet lokali. Se tappoġġa t-**trasformazzjoni lokali permezz tal-esperimentazzjoni, inkluż b'għodod diġitali u tar-realtà virtwali** biex iċ-ċittadini u l-professjonisti jiddisinjaw, joħlqu u jimmaniġġjaw flimkien ambjenti tal-għajxien inklużivi, sbieħ u sostenibbli.

L-NEB tiżviluppa u tipprovdi għodod innovattivi biex **tappoġġa proċessi parteċipattivi demokratiċi fil-livell lokali**, u b'hekk tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-oġġettivi tat-Tarka Ewropea għad-Demokrazija²¹ fil-prattika. Din isservi bħala **katalizzatur għall-**

²⁰ Kif enfasizzat fis-Science for Policy Brief on Public Spaces tal-JRC.

²¹ EUR-Lex - 52025JC0791 - MT - EUR-Lex

awtonomizzazzjoni taċ-ċittadini fit-trasformazzjoni lokali, inkluż f'regġuni eks industrijali u tal-estrazzjoni tal-faħam li ma għadhomx joperaw u f'żoni suburbani żvantaġġati. Il-**Boxxla tal-NEB u s-sett ta' għodod tal-NEB²² jgħinu liċ-ċittadini u lill-komunitajiet** isawru l-ambjent tal-għajxien tagħhom stess permezz ta' approċċ pass pass għall-parteċipazzjoni, għall-kokreazzjoni u għall-involviment. It-**23 Dimostratur tal-Fanal tal-NEB²³** irrivitalizzaw aktar minn 90 viċinat flimkien mar-residenti u żviluppaw għodod biex jiddemokratizzaw l-ippjanar urban.

Il-Kummissjoni se:

- Tespandi d-disinn demokratiku u s-sjieda konġunta taċ-ċittadini tal-proċessi tar-riġenerazzjoni urbana u rurali billi tuża l-pjattaformi diġitali, ir-realtà virtwali u l-ambjenti diġitali immersivi permezz tat-Tewmin Diġitali Lokali u ta' CitiVERSE²⁴.
- Tniedi edizzjoni tal-2026 tal-Ispinta tal-NEB għall-Muniċipalitajiet iż-Żgħar biex tippremja lill-atturi lokali ewlenin għall-kontribut tagħhom għall-bini ta' soċjetajiet inklużivi u sostenibbli.
- Bħala parti mit-Tarka Ewropea għad-Demokrazija u biex tikkontribwixxi għall-Istrateġija futura tal-UE għall-Ekwità Interġenerazzjonali, tappoġġa d-demokrazija lokali permezz ta' approċċi innovattivi għall-involviment tal-komunità, għall-konnessjonijiet interġenerazzjonali, u għal spazji pubbliċi inklużivi.
- Tappoġġa lill-awtoritajiet pubbliċi biex ifasslu u jimplimentaw proċessi parteċipattivi fit-trasformazzjoni tal-viċinati billi tibbaża fuq iċ-Ċentru ta' Kompetenza tal-UE dwar id-Demokrazija Parteċipattiva u Deliberattiva²⁵ b'rabta mal-Panels taċ-Ċittadini Ewropej u l-Pjattaforma għall-Involviment taċ-Ċittadini²⁶.

2.3 Sfruttar tal-qawwa trasformattiva tal-edukazzjoni, tal-arti u tal-kultura biex tingħata spinta lill-kreattività u lill-innovazzjoni għat-trasformazzjoni lokali

Il-kultura u l-arti huma karatteristika ewlenija tal-benesseri individwali u tal-benesseri tal-komunitajiet u għandhom is-setgħa li jisfruttaw il-kreattività u l-innovazzjoni. Dawn jinsabu fil-qalba tal-istrutturi ċivili li jrawmu l-empatija, it-tolleranza, l-ekwità interġenerazzjonali u l-koeżjoni soċjali.

Id-disinn spazjali u l-arkitettura huma parti essenzjali minn rispons tassew transdixxiplinari għad-domandi soċjali u għall-isfidi ambjentali. **Il-kwalità tad-disinn hija kalamita għall-aċċettabilità u l-finanzjament.** Id-disinjaturi, il-periti u l-artisti li jintegraw is-sostenibbiltà, l-inklużjoni u l-kwalità fil-proġetti tagħhom jagħmlu l-ksib ta' appoġġ finanzjarju kif ukoll l-aċċettazzjoni mill-komunità possibbli, peress li fl-aħħar mill-aħħar jibnu soluzzjonijiet kreattivi, sinifikanti u dejjiema li jkunu affordabbli, kosteffiċjenti u jaġixxu bħala punti notevoli tal-kultura u l-istorja lokali. Kif inhu rikonoxxut fil-Boxxla Kulturali għall-Ewropa²⁷,

²² NEB Toolbox

²³ Il-proġetti li rriżultaw mill-ewwel mewġa ta' sejħiet tal-NEB fl-2021–2022 taħt programmi ta' finanzjament tal-UE differenti.

²⁴ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/factpages/citiverse>

²⁵ Participatory Democracy

²⁶ Il-Pjattaforma għall-Involviment taċ-Ċittadini - Il-Pjattaforma għall-Involviment taċ-Ċittadini

²⁷ EUR-Lex - 52025DC0785 - MT - EUR-Lex

L-NEB hija inizzjattiva importanti għall-promozzjoni ta' **kultura komuni ta' arkitettura u disinn u għall-investment f'għajxien ta' kwalità għolja** għal kulħadd.

Prattiki tajbin tal-NEB li juru l-qawwa tal-arti, tal-kultura, tal-edukazzjoni u tar-riċerka

- ❖ **Bauhaus of the Seas Sails:** tqabbad lill-artisti biex jenfasizzaw il-valur tal-oċean u tgħaqqad lill-komunitajiet kostali u daww ta' żoni interni permezz ta' spazji kulturali [Orizzont Ewropa].
- ❖ **Bauhaus4EU:** Alleanza tal-Universitajiet Ewropej li tmexxi t-trasformazzjoni reġjonali tal-NEB permezz tat-tiġdid tal-kampusijiet, tal-laboratorji ħajjin u tal-kurrikuli transdixxiplinari [Erasmus+].
- ❖ **Cultuur&Campus:** tirrinova bini patrimonjali f'Rotterdam f'ċentru tat-tagħlim multifunzjonali, permezz tal-użu ta' għodod artistiki għall-involviment tar-residenti u għad-dokumentazzjoni tal-istess [Orizzont Ewropa].



© Bauhaus of The Sea Sails - © Bauhaus4EU - © Cultuur&Campus

L-edukazzjoni u l-kultura huma essenzjali għas-sensibilizzazzjoni dwar il-benefiċċji ta' approċċi olistiċi u esplorattivi flimkien ma' metodoloġiji ta' disinn ibbażati fuq l-evidenza. Il-Kummissjoni se tippromwovi l-**valuri tal-NEB fl-iskejjel** madwar l-Ewropa permezz tal-Koalizzjoni Education4Climate²⁸ u l-ħidma tagħha fuq l-ambjenti tat-tagħlim fl-iskejjel għas-sostenibbiltà²⁹.

Il-Kummissjoni se tappoġġa wkoll azzjoni biex tkisser is-silos bejn l-arti, ix-xjenza u l-industrija billi l-proġetti tal-NEB juru li l-**inkorporazzjoni tal-artisti f'ambjenti teknoloġiċi u xjentifiċi u viċe versa** tista' tiskatta kollaborazzjonijiet li jgħibu bidliet fundamentali u li jwasslu għall-innovazzjoni u għal eżiti konkreti. F'sinerġija mal-azzjonijiet imħabbra skont il-Boxxla Kulturali għall-Ewropa, l-NEB se trawwem l-**interazzjoni tal-professjonisti kulturali, tal-artisti u tal-akkademiċi mal-industrija u mal-atturi tal-kostruzzjoni** biex jipprovdu perspettivi ġodda, jimmaġinaw futuri alternattivi u joħolqu flimkien soluzzjonijiet innovattivi u li jħarsu 'l quddiem għar-riġenerazzjoni tal-viċinati.

F'konformità mal-**konklużjonijiet tal-Kunsill** tal-2021 dwar "il-kultura, l-arkitettura ta' kwalità għolja u l-ambjent mibni bħala elementi ewlenin tal-inizzjattiva Bauhaus Ewropea Ġdida"³⁰, il-Kummissjoni tippromwovi approċċ parteċipattiv immexxi mill-kultura, mill-

²⁸ <https://education-for-climate.ec.europa.eu/community/>

²⁹ Greening schools: New report on school learning environments for sustainability | Pjattaforma Ewropea għall-Edukazzjoni fl-Iskejjel

³⁰ 2021/C 501 I/03

evidenza u mill-kwalità għall-ambjent mibni, b'mod partikolari billi tappoġġa l-adozzjoni tas-**Sistema ta' kwalità għall-kultura tal-bini tal-proċess ta' Davos**³¹ u tar-rakkomandazzjonijiet tal-grupp ta' esperti tal-Istati Membri dwar "Arkitettura u ambjent mibni ta' kwalità għolja għal kulħadd"³².

Il-Kummissjoni u s-sħab tagħha se:

- Jagħmlu proposta lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew biex **isaħħu l-Kapitali Ewropej tal-Kultura** b'mod li joħloq sinerġija mal-valuri u mal-prinċipji tal-Bahaus Ewropea l-Ġdida.
- Jistabbilixxu **Laboratorju tal-Oċeani tal-NEB** biex jitravmu kollaborazzjonijiet **fl-ambjent tal-baħar** u jikkontribwixxu għall-Inizjattiva tal-UE għall-Osservazzjoni tal-Oċeani³³.
- Iħeġġu liż-żgħażaġh biex jinvolvu ruħhom fil-preservazzjoni tal-wirt Ewropew kif ukoll fir-riġenerazzjoni urbana u rurali permezz tar-**Rotta tal-NEB fi ħdan DiscoverEU**.
- Jappoġġaw **ir-residenzi tal-artisti tal-NEB** permezz tal-inizjattiva "Culture Moves Europe".

3. FAĊILITATURI

3.1 Il-Komunità tal-NEB u l-parteciċipazzjoni fil-livell taċ-ċittadini

L-NEB qed tikber bis-saħħa tal-isforzi tal-**Komunità tagħha ta' kważi 2 000 membru pubbliku u privat**, li jvarjaw minn organizzazzjonijiet lokali għal internazzjonali madwar l-Ewropa u lil hinn minnha, li jkopru diversi oqsma bħall-kultura, l-edukazzjoni, l-arkitettura, il-wirt, il-forestrija, il-konstruzzjoni, l-akkomodazzjoni, u l-moda, u jilhqqu lil miljuni ta' ċittadini u negozji permezz tal-Festival tal-NEB u l-Premijiet tal-NEB.

Filwaqt li l-Kummissjoni tista' tagħti sehemha, hija biss parti mill-ekwazzjoni. **Il-Komunità tal-NEB ħadet azzjonijiet b'mod attiv**: minn skemi ta' finanzjament lokali sa standards tal-bini allinjati mal-NEB, kif ukoll programmi ta' master u ta' PhD tal-NEB. Hija aġixxiet bħala l-mutur veru tal-inizjattiva u bħala multiplikatur tal-finanzjament u tal-appoġġ tal-UE, li għamilha possibbli li jiġu replikati u applikati fuq skala akbar is-soluzzjonijiet tal-NEB li wrew li huma effettivi.

L-iskambju tal-għarfien u tal-aħjar prattiki huwa kruċjali speċjalment meta jkunu meħtieġa trasformazzjoni u aċċellerazzjoni ulterjuri, ħafna drabi għall-implimentazzjoni fil-livell lokali. L-NEB se tniedi **proġett pilota biex l-ibliet jiskambjaw soluzzjonijiet dwar ir-reżiljenza tal-ambjent mibni** għat-tibdil fil-klima u għad-diżastri naturali. Il-Komunità tal-NEB se tlaqqa' lill-partijiet ikkonċernati biex flimkien joħlqu, jagħmlu prototipi u jittestjaw għodod u soluzzjonijiet għat-trasformazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-**Laboratorji innovattivi** tagħha. Bħalissa, il-Laboratorji tal-NEB jospitaw tmien proġetti li jindirizzaw firxa wiesgħa ta' suġġetti — mill-infrastruttura pubblika fl-Ukrajna³⁴, it-tranżizzjoni ekoloġika fir-

³¹ Sistema ta' kwalità għall-kultura tal-bini tal-proċess ta' Davos

³² Paġna ewlenija - Towards a shared culture of architecture - EAC

³³ Inizjattiva ewlenija mħabbra fil-Patt Ewropew għall-Oċeani

³⁴ Public Infrastructure for Ukraine - New European Bauhaus - Unjoni Ewropea

reġjun tad-Danubju³⁵ sal-Moderniżmu trans-Ewropew³⁶ — u qed jinħolqu oħrajn ġodda, b'mod partikolari biex jipprovdu soluzzjonijiet rigward l-akkomodazzjoni affordabbli.

Filwaqt li tibni fuq din l-esperjenza, il-Kummissjoni għandha l-għan li **tespandi u tiddiversifika l-Komunità tal-NEB**, tattira membri ġodda minn setturi, gruppi u oqsma ta' politika differenti, iżżid l-involviment u tinforma l-politiki rilevanti. Il-Kummissjoni se **tottimizza l-użu ta' għodod diġitali biex tiffaċilita l-interazzjonijiet u l-kollaborazzjoni**, b'mod partikolari fil-livelli reġjonali u lokali u għas-sħubijiet pubbliċi-privati, u biex tagħmel il-kondiviżjoni ta' prattiki tajbin u ta' data bbażata fuq l-evidenza faċli u rapida. Se tfittex li toħloq sinerġiji u se timmassimizza l-kollaborazzjoni ma' inizjattivi relatati, b'mod partikolari billi tintegra l-valuri u l-prinċipji tal-NEB fil-Patt tas-Sindki, fil-Patt Klimatiku Ewropew u fil-Ftehim dwar il-Bliet Ekoloġiċi.

Il-Kummissjoni u l-Komunità tal-NEB se:

- **Jistabbilixxu network tal-UE ta' Ambaxxaturi lokali tal-NEB**, f'kooperazzjoni mal-Ferġhat Lokali tal-NEB u, fejn rilevanti, maċ-ċentri ta' EUROPE DIRECT.
- Jistabbilixxu **Laboratorju tal-NEB dwar l-akkomodazzjoni affordabbli** biex jiġbor il-prattiki tajbin dwar soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni affordabbli li jiffukaw fuq il-konstruzzjoni mhux fuq il-post u d-densifikazzjoni f'sinerġija mal-Alleanza tal-UE għall-Akkomodazzjoni.
- Iżidu l-involviment tal-partijiet ikkonċernati u l-iskambju ta' prattiki tajbin permezz tal-**Festival biennali tal-NEB**, b'enfasi fuq suġġetti ta' prijetà bħall-akkomodazzjoni u d-demokrazija, u permezz ta' avvenimenti rilevanti oħra bħall-**Lejla Ewropea tar-Riċerkaturi**.
- Jippromwovu l-**premijiet tal-NEB** biex jippremjaw il-prattiki tajbin u jżidu s-sensibilizzazzjoni dwar soluzzjonijiet innovattivi, u jiżviluppaw **premijiet speċjali** għar-reżiljenza tal-ilma (2026) u għall-akkomodazzjoni innovattiva tal-istudenti (2027).
- Jipprovdu spazju komuni lir-reġjuni u lill-bliet biex joħolqu u jitgħallmu flimkien permezz tal-**"Vjaġġ ta' Esperimentazzjoni tal-NEB tat-Trasformazzjoni tat-Territorji"**³⁷ u **proġett pilota mal-bliet ta' segwitu** dwar ir-reżiljenza tal-ambjent mibni.
- Jiżguraw is-sinerġiji u l-kollaborazzjoni bejn il-membri tal-Komunità tal-NEB u l-**Alleanza futura tal-UE għall-Akkomodazzjoni**.

3.2 Akkademja tal-NEB: Għarfien, Ħiliet, Innovazzjoni u Finanzjament

Firxa wiesgħa ta' universitajiet u ċentri ta' kompetenza diġà bdew jikkontribwixxu b'mod attiv għall-NEB, biex irawmu r-riċerka, ikunu pijunieri ta' mudelli ġodda ta' edukazzjoni u taħriġ u jgħaqqdu l-għarfien mal-applikazzjonijiet kummerċjali. Fl-2022, il-Kummissjoni Ewropea nediet l-Akkademja tal-NEB³⁸ dwar il-ħiliet għall-konstruzzjoni sostenibbli, li tlaqqa' lir-riċerkaturi u lill-prattikanti biex jaċċelleraw it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema fl-ekosistema tal-konstruzzjoni. L-Akkademja tal-NEB issa se ssir l-**infrastruttura ewlenija** għall-għarfien u għar-riċerka, għall-esperimentazzjoni u għall-innovazzjoni sikuri, u għall-

³⁵ NEB Lab: New European Bauhaus on the Danube - New European Bauhaus

³⁶ European Triennial of Modernism (ETOM) - New European Bauhaus

³⁷ Preparatory Action (2024-2026) - Innovation for place-based transformation

³⁸ NEB Academy - New European Bauhaus - Unjoni Ewropea

iżvilupp tal-ħiliet, biex tipprovdi rabta dinamika ħalli tiżgura li l-għarfien kollu prodott fl-ambitu tar-R&I tal-Faċilità tal-NEB jiġi dirett lejn attivitajiet ta' taħriġ, bini tal-kapaċitajiet u innovazzjoni applikata.

L-Akkademja tal-NEB se tkun xprunata minn tliet oqsma ta' prijarità:

3.2.1 Bini tal-kapaċitajiet u żvilupp tal-ħiliet

Bħala qafas għat-taħriġ, għall-bini tal-kapaċitajiet u għall-iżvilupp tal-ħiliet, l-Akkademja tal-NEB se trawwem bidla sistemika fis-setturi kollha. Se **ssarra l-għarfien miksub mir-riċerka f'biliet prattiċi, tiżviluppa oqfsa ta' taħriġ u perkorsi tat-tagħlim** għall-forza tax-xogħol, għall-awtoritajiet pubbliċi u għall-SMEs, u se ssaħħa il-kwalità pedagoġika, il-koerenza u ċ-ċertifikazzjoni tat-taħriġ relatat mal-NEB madwar l-Ewropa. Se tingħata attenzjoni partikolari lill-SMEs u lill-ħaddiema ta' ħila, billi huwa rikonoxxut li t-tranżizzjoni tal-Ewropa lejn enerġija nadifa tiddependi fuq ekonomija produttiva b'saħħitha u fuq l-atturi ż-żgħar li jkunu jistgħu jinnovaw u jikkompetu. Din se tappoġġa **t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol fl-ekosistema tal-kostruzzjoni**, b'mod partikolari għall-kostruzzjoni b'bażi bijoloġika u bbażata fuq in-natura, se tespandi l-marka tagħha għal korsijiet ta' kwalità għolja u se tlaqqa' r-riċerka tal-ogħla livell u l-prattikanti. Dan se jinkludi appoġġ għall-apprendistati u taħriġ vokazzjonali mmirat lejn iż-żgħażaġh. Se tippromwovi wkoll l-użu ta' **għodod diġitali għall-ottimizzazzjoni tar-riżorsi, tal-effiċjenza u tat-teħid ta' deċiżjonijiet iggwidat mid-data**, f'konformità mal-miri tad-Deċennju Diġitali u billi tibbaża fuq il-portal web tal-Bliet tal-UE bħala punt ta' aċċess komuni għall-għodod tal-UE u għal inizzjattivi li jappoġġaw it-tranżizzjonijiet lokali.

Fil-qafas usa' tal-Unjoni tal-Ħiliet, l-Akkademja tal-NEB se tikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp tal-**informazzjoni dwar il-ħiliet** fil-livell tal-UE, billi tappoġġa l-Osservatorju Ewropew tal-Kostruzzjoni³⁹, il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ⁴⁰, l-Osservatorju Ewropew futur tal-Informazzjoni dwar il-Ħiliet u s-Sħubija fuq Skala Kbira dwar il-Kostruzzjoni⁴¹. Se tikkontribwixxi wkoll għall-inizjattiva Build Up Skills⁴², li tappoġġa r-rinnovazzjoni tal-enerġija permezz tal-pjattaformi nazzjonali tal-ħiliet fl-Istati Membri kollha.

3.2.2 Għarfien u riċerka

L-NEB **turi esperimentazzjoni Prattika fuq it-trasformazzjoni lokali**, u tiġġenera evidenza dwar il-benefiċċji kulturali, soċjetali u ambjentali tar-riġenerazzjoni u tal-kodisinn tal-viċinati. Il-komunità xjentifika wriet interess qawwi fir-riċerka dwar il-metodi u l-impatti ta' tali approċċ integrat, u bħalissa hemm ekosistema ta' programmi ta' dottorat u ta' masters li jiffokaw fuq l-NEB, kif ukoll pubblikazzjonijiet xjentifiċi li qegħdin joħorġu minn proġetti tal-NEB bħad-Dimostraturi tal-Fanal jew l-Alleanza tal-Akkademja tal-NEB. Madankollu, dan għadu xenarju frammentat ħafna, u għaldaqstant għandu impatt limitat f'termini ta' pjanijiet iddettalġati ttestjati offriti għar-replikazzjoni **lill-komunitajiet, lill-professjonisti, lill-awtoritajiet lokali, lin-negozji u lil partijiet ikkonċernati oħrajn**.

Permezz ta' approċċ ibbażat fuq l-evidenza, u billi tisfrutta l-opportunitajiet diġitali, l-Akkademja tal-NEB se tappoġġa lill-prattikanti, lill-professjonisti, lin-negozji u lill-awtoritajiet biex jintegraw il-valuri u l-prinċipji tal-NEB fl-inizjattivi tagħhom u jottimizzaw il-ħżin, il-kondiviżjoni u l-valutazzjoni tad-data u tal-evidenza tal-aħjar Prattiki. L-**għarfien**

³⁹ European Construction Observatory (ECO)

⁴⁰ Paġna ewlenija ETF

⁴¹ Kostruzzjoni

⁴² <https://build-up.ec.europa.eu/en/bup-skills>

iġġenerat permezz tal-esperimentazzjoni u tal-metodoloġiji tad-disinn ibbażati fuq l-evidenza se jiġi kkompatat u se jkun aċċessibbli, biex jiġu pprovduti data u pjanijiet iddettaljati ta' suċċess biex jiġu integrati u varati l-esperimenti tal-NEB l-aktar ta' suċċess. Iċ-**Ċentru tal-NEB għar-Riżultati u l-Impatt**⁴³ se jiġbor, janalizza u jaqsam it-tagħlimiet meħuda u l-ġhodod.

3.2.3 L-iżvilupp tan-negozju

Il-Kummissjoni żviluppat varjetà ta' ġhodod biex tgħin lill-iżviluppaturi tal-proġetti jfasslu u jimplimentaw proġetti tal-NEB.⁴⁴ L-Akkademja tal-NEB se **tappoġġa lill-SMEs, lill-istart-ups u lill-prattikanti kreattivi** permezz ta' servizzi ta' konsulenza u settijiet ta' ġhodod biex jiġu ffaċilitati ambjenti ta' esperimentazzjoni u biex jiġu ppruvati l-pjanijiet iddettaljati tal-NEB. Filwaqt li tibni fuq is-soluzzjonijiet żviluppati fil-Laboratorji tal-NEB u permezz ta' proġetti ffinanzjati mill-UE, l-Akkademja tal-NEB se toħloq perkorsi biex l-innovazzjoni mmexxija mill-komunità u interdixxiplinari tikber, tiġi rreplikata u tasal sas-suq, pereżempju billi ċċaqlaq materjali innovattivi b'bażi bijoloġika mil-laboratorju għall-użu applikat fil-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni tal-bini. L-NEB se tagħxi bħala faċilitatur fil-prattika biex tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ekonomija ċirkolari u t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u reżiljenti għall-ilma billi **tappoġġa lin-negozji u lill-partijiet ikkonċernati biex jaqilbu għal Prattiki Sostenibbli Ġodda**, eż. fil-moda permezz tal-Bidla fil-Moda tal-NEB (EIT).

L-EIT se jipprova appoġġ dedikat lill-Akkademja tal-NEB billi jtejjeb il-kondiviżjoni tal-għarfien bejn il-proġetti tal-NEB u jniedi proġetti pilota ta' innovazzjoni permezz tal-EIT CC, billi jrawwem u jespandi l-innovazzjoni permezz tal-Perkors tal-NEB tal-Komunità tal-EIT⁴⁵, u billi joffri perkors ta' qabel l-aċċellerazzjoni għall-innovaturi fi stadju bikri permezz tal-EIT Jumpstarter⁴⁶. Il-Kummissjoni u s-sħab tagħha se jappoġġaw il-kapaċitajiet u l-aċċess għall-finanzjament, b'mod partikolari għall-atturi żgħar u opportunitajiet ta' finanzjament adattati għall-bżonnijiet lokali⁴⁷. Se jibnu fuq Prattiki tajbin eżistenti biex **jattiraw il-finanzjament privat** u jistabbilixxu **mudelli innovattivi ta' governanza u finanzjament**. L-appoġġ għall-investment, inkluż it-tlaqqigħ tal-proġetti ma' investituri potenzjali, se jiġi appoġġat ukoll permezz tal-**Pjattaforma ta' Investment Pan-Ewropea l-ġdida għal akkomodazzjoni affordabbli u sostenibbli**, li tinkludi l-Grupp tal-BEI, il-Banek Promozzjonali Nazzjonali, il-Bank ta' Żvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa (CEB, Council of Europe Development Bank), il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ), u istituzzjonijiet finanzjarji oħra.

Permezz tal-Akkademja tal-NEB, il-Kummissjoni u s-sħab tagħha se:

- **Jappoġġaw it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tas-settur tal-kostruzzjoni u l-katina tal-valur tiegħu** biex jaċċelleraw it-tranżizzjoni lejn sistema aktar riġenerattiva u ċirkolari tal-użu tal-materjali.
- **Iniedu proġetti pilota ta' innovazzjoni u taħriġ bħall-Bidla fil-Moda tal-NEB** biex jgħinu lill-SMEs fis-settur tal-moda jiżviluppaw strateġiji ċirkolari u jespandu fi swieq ġodda

⁴³ Implimentat permezz ta' Orizzont Ewropa.

⁴⁴ Tools and resources - New European Bauhaus - European Union

⁴⁵ Ara EIT Community NEB: Impact Report 2025.

⁴⁶ EIT Jumpstarter

⁴⁷ Pereżempju, permezz ta' BlueInvest u tal-Aċċelleratur tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation Council).

- Jappoġġaw azzjoni esploratorja għall-possibbiltà ta' **Lawrja Ewropea konġunta tal-NEB** biex jiżviluppaw kompetenzi transdixxiplinari fl-arkitettura, fid-disinn, fl-inġinerija sostenibbli u fl-arti li huma rilevanti għall-NEB fil-livell universitarju.
- Jibnu fuq u jistabilixxu **sħubijiet bejn l-universitajiet u n-negozji** biex jiżviluppaw il-ħiliet u l-kompetenzi fis-setturi relatati mal-NEB (eż. il-forza tax-xogħol u l-intraprendituri futuri).
- **Isaħħu r-rwol tal-NEB bħala spazju għar-riċerka fil-fruntieri tal-għarfien**, inkluż billi jippromwov u pubblikazzjonijiet xjentifiċi u laqgħat akkademiċi dwar il-prattiki u l-pjanijiet iddettaljati tal-NEB.
- Jiżviluppaw **indikaturi u gwida biex jivvalutaw l-effetti ta' inizjattivi mmexxija mill-komunità** li jikkombinaw is-sostenibbiltà, l-inklużjoni u l-kwalità.
- Jipproduċu **katalogu diġitali ta' Prattiki tajbin u ta' pjanijiet iddettaljati tal-NEB dwar l-akkomodazzjoni affordabbli u reżiljenti** f' sinerġija mal-Proġett pilota tal-NEB dwar l-ibliet, biex jinforma lill-awtoritajiet lokali, lin-negozji u lill-prattikanti dwar soluzzjonijiet tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku.
- F' sinerġija mal-Pjattaforma Ewropea ta' Investiment u billi jibnu fuq il-linji gwida tal-NEB dwar l-investiment, itejbu l-aċċess għall-finanzjament għal atturi iżgħar permezz taċ- **Ċentru ta' Konsulenza tal-NEB**, inkluż permezz tal-involviment ta' assoċjazzjonijiet filantropiċi, u jiġi żviluppat **Aċċelleratur tal-Investiment tal-NEB** flimkien ma' dan iċ-ċentru biex jiġi attirat u ffaċilitat il-finanzjament privat, pubbliku u mħallat u biex jiġu żviluppati mudelli tan-negozju innovattivi bbażati fuq valuri u prinċipji tal-NEB.

3.3 Finanzjament u governanza

Fuq medda ta' 5 snin, diġà ngħata appoġġa lil aktar minn 700 proġett tal-NEB. Fl-ambitu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għall-2021–2027, EUR 1,4 biljun ġew iddedikati lill-NEB, bil-biċċa l-kbira tiġi mill-politika ta' koeżjoni (aktar minn EUR 840 miljun) u Orizzont Ewropa (aktar minn EUR 530 miljun). L-NEB issa għandha l-ewwel għodda ta' finanzjament pluriennali li qatt kien hemm, ankrata fil-Programm Orizzont Ewropa: il-**Faċilità tal-NEB**, mill-2025 sal-2027⁴⁸. Din tikkonsisti minn żewġ komponenti: komponent tar-riċerka u l-innovazzjoni⁴⁹, b'baġit indikattiv ta' madwar EUR 120 miljun fis-sena biex jiġu żviluppati u murija soluzzjonijiet ġodda; u komponent ta' varar, biex jiġu implimentati u jiżdiedu l-istess ta' suċċess u l-innovazzjonijiet tal-NEB, li mistennija jagħmlu użu mill-istess ammont minn programmi differenti tal-UE kif ukoll minn finanzjament nazzjonali u privat. **Il-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, se taħdem biex tottimizza l-użu, is-sinerġija u l-komplementarjetà tal-finanzjament tal-UE f'livelli differenti tal-gvern**⁵⁰, u biex iżżid l-aċċess għall-finanzjament, speċjalment għall-atturi ż-żgħar. B'mod partikolari, il-Kummissjoni se tkompli tħeġġeġ lill-Istati Membri u lir-reġjuni **jintegraw il-valuri u l-prinċipji tal-NEB fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni** u strateġiji u politiki oħra relatati mal-ambjent

⁴⁸ Ara l-Pjan Direzzjonali għall-Faċilità tal-NEB 2025–2027.

⁴⁹ Il-komponent tar-R&I għandu baġit indikattiv ta' madwar EUR 120 miljun fis-sena, implimentat fil-Programmi ta' Ħidma ta' Orizzont Ewropa għall-2025–2027.

⁵⁰ Billi tibni wkoll fuq Prattiki tajbin bħal [THRIVE](#) | [Assemblea Reġjonali tan-Nofsinhar](#) jew bil-forniment tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta biex jinkiseb progress fit-trasformazzjoni newtrali għall-klima tal-industrija fir-reġjun tal-estrazzjoni tal-faħam fis-Sassonia-Anhalt.

mibni, inkluż permezz tal-**iżvilupp ta' Fanal tal-NEB** wieħed f'kull Stat Membru. F'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, il-Kummissjoni se tfittex li tiddiversifika x-xenarju tal-opportunitajiet ta' finanzjament, b'mod partikolari biex tagħti spinta lill-appoġġ għal inizjattivi fil-livell taċ-ċittadini. Il-Kummissjoni tistieden ukoll lill-koleġiżlaturi biex jappoġġaw il-proposti tagħha għall-**QFP futur, li jippermetti l-kontinwità tal-finanzjament għall-Faċilità tal-NEB wara l-2027**⁵¹.

Biex il-finanzjament tal-UE jintuża bl-aqwa mod jeħtieġ li l-Istati Membri jkollhom rwol b'saħħtu, biex jaġixxu bħala pont mal-atturi lokali u jiżguraw l-aċċess tagħhom għall-finanzjament, iżda wkoll biex jimmassimizzaw il-koordinazzjoni u l-koerenza bejn l-istrumenti u l-politiki ta' finanzjament. **L-Istati Membri ħatru l-punti ta' kuntatt nazzjonali (NCPs, national contact points) tal-NEB fl-2021**. Minn dak iż-żmien 'l hawn, kellhom rwol kruċjali fl-implimentazzjoni tal-NEB fil-livelli nazzjonali u lokali. Bl-istabbiliment tal-Faċilità tal-NEB, ġew stabbiliti żewġ networks addizzjonali: L-NCPs tar-R&I tal-NEB⁵² kif ukoll network iddedikat ta' awtoritajiet ta' ġestjoni u korpi rilevanti oħrajn għall-promozzjoni ta' investimenti tal-NEB fil-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni għall-2021–2027⁵³.

Minkejja l-progress li sar, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ma għandhomx mudell u riżorsi għal governanza tal-NEB f'bosta livelli u transsettorjali li hi verament olistika, u dan iwassal biex jintilfu opportunitajiet għall-partijiet ikkonċernati u għall-awtoritajiet lokali. F'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, **il-Kummissjoni se tiddefinixxi mill-ġdid il-kompiti għall-NCPs tal-NEB u tipprovdi appoġġ** permezz tal-bini tal-kapaċità u opportunitajiet ta' finanzjament, filwaqt li ssaħħa ukoll il-kooperazzjoni tagħhom mal-awtoritajiet ta' ġestjoni, bħall-komunità NEB P2P. Il-Kummissjoni ħarġet proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill bil-għan li **l-Istati Membri jiġu awtonomizzati bħala atturi ewlenin fil-governanza tal-NEB u li l-NEB issir operazzjonali** mil-livell tal-viċinati sal-livell Ewropew. L-implimentazzjoni trid tirrispetta s-sussidjarjetà u l-ispeċifità nazzjonali, biex l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-awtoritajiet lokali jfasslu l-NEB għall-kuntasti ambjentali, kulturali u soċjali tagħhom. Għalhekk, l-NEB issaħħa ir-rwol ċentrali tal-Istati Membri fit-tfassil u fl-igġwidar ta' approċċi li jirriflettu l-prioritajiet nazzjonali, l-istrutturi ta' governanza u l-ħtiġijiet lokali, filwaqt li tiżgura li l-livell tal-UE jappoġġa u jikkomplementa, minflok ma jissostitwixxi, l-għażliet ta' politika domestiċi. **Is-Semestru Ewropew u l-Alleanza l-ġdida tal-UE għall-akkomodazzjoni** se jappoġġaw ukoll lill-Istati Membri biex jieħdu approċċi olistiċi li jikkombinaw is-sostenibbiltà, l-affordabbiltà u l-kwalità fir-rigward tal-akkomodazzjoni.

Il-Kummissjoni se:

- Tipprovdi tiftix faċli u **ħarsa ġenerali lejn l-opportunitajiet ta' finanzjament relatati mal-NEB fil-programmi tal-UE**, inkluż fil-Portal tal-UE tal-Finanzjament u tas-Sejħiet għall-Offerti⁵⁴ u permezz tal-Pjattaforma tal-Ibliet tal-UE.
- Tipprovdi **appoġġ dirett imfassal apposta lill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali** għall-integrazzjoni tal-valuri u tal-prinċipji tal-NEB fil-programmi tal-politika ta'

⁵¹ Proposti tal-Kummissjoni dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028–2035

⁵² L-NCPs tar-R&I jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-komponent tar-R&I tal-Faċilità tal-NEB fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa.

⁵³ Il-komunità Peer2Peer (P2P) tal-NEB

⁵⁴ Abbażi ta' "indikatur tal-NEB", li bħalissa jintuża għal Orizzont Ewropa.

koeżjoni, u tikkollabora mal-**BEI/JASPERS**⁵⁵ biex tiżviluppa għodod addizzjonali ta' valutazzjoni u ta' bini tal-kapaċità.

- Tappoġġa l-**bini tal-kapaċità għall-amministrazzjonijiet pubbliċi u għall-partijiet ikkonċernati** permezz ta' tagħlim bejn il-pari u ta' kondiviżjoni ta' prattiki tajbin, inklużi attivitajiet bħal Living Spaces⁵⁶ biex jiġu promossi arkitettura ta' kwalità għolja u l-ambjent mibni għal kulħadd.
- Tipprovdi **finanzjament għall-NCPs u għall-NCPs tar-R&I** tal-NEB biex isaħħu l-kapaċitajiet u l-kooperazzjoni tagħhom.

3.4 Dimensjoni internazzjonali

L-ibliet u l-viċinati madwar id-dinja jiffaċċjaw l-istess sfidi li tiffaċċja l-Ewropa, bħal impatti klimatiċi, skarsezza tal-ilma, bidliet demografiċi u kriżijiet tal-akkomodazzjoni. F'xi każijiet, bħal fin-Nofsinar Globali, daww l-isfidi jistgħu jkunu drammatiċi u jistgħu jixprunaw il-migrazzjoni jew saħansitra l-kunflitti. L-NEB **għandha l-potenzjal li tgħid soluzzjonijiet integrati lil hinn mill-Ewropa**, iżda wkoll li titgħallim u li tispira lill-viċinati Ewropej permezz ta' prattiki u stejjer ta' suċċess fil-livell internazzjonali.

L-NEB tista' taqdi **rwol importanti fil-proċess tat-tkabbir tal-UE** billi tippromwovi l-iżvilupp lokali sostenibbli, il-preservazzjoni tal-wirt kulturali, soluzzjonijiet innovattivi għal tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u l-integrazzjoni tal-valuri soċjali, ekonomiċi u kulturali. Tista' tipprovdi pjattaforma biex il-pajjiżi kandidati jikkondividu prattiki tajbin, għarfien espert, riżorsi u networks, u biex jikkollaboraw mal-Istati Membri tal-UE fuq proġetti konġunti. Sa mill-2022, l-NEB appoġġat b'mod speċifiku l-**irkupru ekoloġiku u r-rikostruzzjoni parteċipattiva tal-Ukrajna** permezz ta' proġetti ta' innovazzjoni bħar-rinnovazzjoni ċirkolari tal-bini "panelka" f'Chernihiv, ta' inizjattivi ta' użu sostenibbli tal-art, u ta' restawr urban ekoloġiku fil-Baċir tal-Baħar l-Iswed⁵⁷. L-NEB għandha l-għan li tagħmel il-bini mill-ġdid tal-Ukrajna sostenibbli, innovattivi u inklużivi billi tingrana sħubijiet u riżorsi bħall-Komunità tal-NEB, linji gwida speċifiċi u assistenza teknika.

L-inizjattivi tal-NEB ispiraw ukoll djalogu u azzjoni f'pajjiżi oħra mhux tal-UE, b'mod partikolari fil-Ġappun, fil-Brażil u fil-Messiku. Il-Kummissjoni se tkompli tespandi n-network internazzjonali tagħha u tħeġġeġ aktar kooperazzjoni fost l-esperti internazzjonali, iċ-ċittadini u l-gvernijiet interessati biex jiddiskutu u jikkodisinjaw soluzzjonijiet globali ispirati mill-NEB. Fl-2025, l-**Expo Dinjija ta' Osaka** kienet l-opportunità tal-UE biex tagħti dimostrazzjoni tal-NEB globalment, biex trawwem konnessjonijiet ma' professjonisti minn madwar id-dinja, u biex tniedi **djalogu tal-NEB speċifiku bejn l-UE u l-Ġappun**. Il-Kummissjoni se tespandi fuq daww l-okkażjonijiet u se tuża wkoll il-viżibbiltà offruta mill-**Festivals tal-NEB** biex tagħti dimostrazzjoni tal-prattiki tajbin internazzjonali u tat-testimonjanzi.

Il-Kummissjoni se:

- Tappoġġa **r-rikostruzzjoni u r-riġenerazzjoni urbana tal-Ukrajna** billi tippromwovi disinn ta' kwalità affordabbli u sostenibbli permezz ta' proġetti lokali

⁵⁵ Assistenza Konġunta ta' Appoġġ għal Proġetti fir-Reġjuni Ewropej.

⁵⁶ Il-programm Living Spaces - Is-setturi kulturali u kreattivi

⁵⁷ Daww il-proġetti ġew iffinanzjati permezz ta' LIFE, Orizzont Ewropa, u Interreg.

u li jistgħu jiġu rreplikati għall-iskejjel, l-isptarijiet u l-wirt kulturali, u tappoġġa l-ħolqien ta' **Ċentru tal-Akkademja tal-NEB**, u billi tintegra l-valuri tal-NEB fil-leġislazzjoni rilevanti u fl-attivitajiet ta' rikostruzzjoni, b'mod partikolari permezz ta' "EU4Reconstruction"⁵⁸ u tat-Tewmin Diġitali Lokali għar-rikostruzzjoni⁵⁹.

- Bl-appoġġ tad-Delegazzjonijiet tal-UE, tespandi l-kostitwenza internazzjonali tal-Komunità tal-NEB permezz ta' **networks lokali tal-NEB f'pajjiżi terzi u permezz tal-ħolqien ta' Ċentri tal-Akkademja tal-NEB**, b'mod partikolari fil-Ġappun u fil-Brażil.
- Tappoġġa t-tkabbir tal-UE billi tipprovdi finanzjament, bini tal-kapaċitajiet, u assistenza teknika biex **jindew proġetti u inizjattivi tal-NEB fil-pajjiżi kandidati**.
- Tniedi **fergħa internazzjonali tal-premijiet tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida** biex turi u tippremja proġetti internazzjonali li jirriflettu l-valuri tal-NEB.
- Trawwem **il-kooperazzjoni internazzjonali dwar l-arkitettura ta' kwalità** permezz tal-Alleanza Davos Baukultur⁶⁰.

4. KONKLUŻJONIJIET U T-TRIQ 'IL QUDDIEM

L-NEB iġġenerat entużjażmu, kreattività u parteċipazzjoni madwar l-Ewropa u lil hinn minnha minn mindu nħolqot fl-2020. Billi trawwem l-innovazzjoni, il-ħiliet u s-saħħa industrijali, l-NEB se tappoġġa Ewropa aktar kompetittiva u reżiljenti, ibbażata fuq soluzzjonijiet affordabbli ta' kwalità għolja u fuq responsabbiltà kondiviża fil-livelli kollha ta' governanza. Il-pass ewlieni li jmiss se jkun il-**mobilizzazzjoni ulterjuri ta' atturi u networks rilevanti** f'diversi livelli ta' governanza, oqsma ta' politika u setturi ekonomiċi biex jissaħħa il-potenzjal sħiħ tal-inizjattiva. **Il-professjonisti, ir-riċerkaturi, l-awtoritajiet, ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u n-negozji huma mistiedna jissieħbu fil-Komunità tal-NEB** u jaħdmu flimkien biex joħolqu flimkien u jespandu soluzzjonijiet innovattivi biex jappoġġaw ir-riġenerazzjoni tal-viċinati u t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa.

Il-Kummissjoni Ewropea tistrieħ fuq il-kooperazzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill tal-UE, tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għas-sensibilizzazzjoni u l-promozzjoni tal-NEB u l-oportunitajiet relatati tagħha fil-kostitwenzi tagħhom, **għall-involvement tas-soċjetà ċivili, l-artisti, l-awtoritajiet lokali, in-negozji u x-xjenzi, u għall-kondiviżjoni tar-riżorsi disponibbli**. Se tibni fuq il-punti b'saħħithom tal-komunità tagħha li qed tikber u se xxerred il-prattiki tajbin tagħha. Anke l-pajjiżi mhux tal-UE, l-organizzazzjonijiet u n-networks internazzjonali interessati huma mistiedna jxerrdu u jappoġġaw il-valuri u l-prinċipji tal-NEB u jippromwovu proġetti u inizjattivi parteċipattivi ddisinjati b'mod konġunt.

B'mod partikolari, il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill jiddiskuti u jadotta l-proposta għal **Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li takkumpanja din il-Komunikazzjoni**, sabiex jissaħħu l-isforzi transsettorjali fil-pajjiżi rispettivi tagħhom u biex jiġi żgurat li l-NEB issir operazzjonali u titqies fl-inizjattivi u l-finanzjament nazzjonali, reġjonali u lokali rilevanti.

⁵⁸ Fil-livell lokali, il-proġett se jaħdem ma' madwar 50 municiplità "fanal" ta' daqs medju biex iħejji u jimmaniġġja l-investimenti fir-rikostruzzjoni li jirriflettu l-approċċ "bini mill-ġdid aħjar" u l-valuri tal-NEB.

⁵⁹ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/news/digital-twin-reconstruction-ukraine>

⁶⁰ Alleanza Davos Baukultur